MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 548/2004/1

**Bank of Valletta plc (C 2833)**

**v.**

**Josette Saliba u Alfred Williams u b'digriet tat-30 ta' Jannar 2012 l-Avukat Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta' Josette Saliba li mietet fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li ressqet il-kumpanija Bank of Valletta plc fis-27 ta' Lulju 2004 li taqra hekk:

“Premess illi fuq talba tal-konvenuti, is-socjeta` attrici kkoncediet facilita` bankarja lill-konvenuta Josette Saliba skont it-termini u l-kundizzjonijiet indikati fl-iskrittura tad-9 ta’ Lulju 2002, li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. “A”;

“Premess illi sussegwentement irrizulta illi t-talba tal-konvenuti kienet imsejsa fuq il-qerq, hija abbuziva u l-esponenti giet indotta taghti l-imsemmija facilita` bankarja permezz tal-*messa in scena* bi produzzjoni ta’ dokumenti foloz bhala dawk tal-FS3 (Dok. “C”) u *payslips* kif ukoll dikjarazzjonijiet (Dok. “B”) ohra foloz maghmula mill-istess konvenuti;

“Premess illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta’ sitt elef, sitt mija u sebgha u hamsin Liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm6,657.59) flimkien mal-imghax legali mill-1 ta’ April 2004, (Dok. “E1” sa “E3”) sal-jum tal-pagament effettiv, rapprezentanti bilanc minn somma ta’ flus ottenuta mill-konvenuti permezz tal-qerq fuq imsemmi;

“Premess illi interpellati ghar-restituzzjoni tal-imsemmija somma ta’ flus u dan anke permezz ta' Ittra Ufficjali datata 24 ta’ Novembru 2003, li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. “D”, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

“Jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-facilita` bankarja moghtija mis-socjeta` attrici tas-somma ta’ sitt elef Liri Maltin (Lm6,000) permezz ta’ skrittura tad-9 ta’ Lulju 2003, giet ottenuta mill-konvenuti permezz ta’ qerq minnhom ipprattikat u partikolarment, imma mhux esklussivament, permezz ta’ dokumenti foloz u rapprezentazzjonijiet inveritjeri minnhom maghmula lis-socjeta` attrici;

“2. Tiddikjara illi l-attrici sofriet danni fis-somma ta’ sitt elef, sitt mija u sebgha u hamsin Liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm6,657.59) flimkien mal-imghax legali mill-1 ta’ April 2004, sal-jum tal-pagament effettiv, (Dok. “E1” sa “E3”), rizultanti minn qerq ipprattikat mill-konvenuti kif fuq imsemmi;

“3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma ta’ sitt elef, sitt mija u sebgha u hamsin Liri Maltin u disgha u hamisn centezmu (Lm6,657.59) flimkien mal-imghax legali mill-1 ta’ April 2004, sal-jum tal-pagament effettiv, bhala danni sofferti mis-socjeta` attrici a kawza tal-qerq ipprattikat lill-konvenuti.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 24 ta’ Novembru 2003, u tal-Mandat ta’ Inibizzjoni li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred Williams li in forza taghha eccepixxa:

“1. Illi t-talbiet attrici, inkwantu rivolti lejn l-eccipjenti, huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt inkwantu l-eccipjenti la talab u lanqas inghata l-facilita` bankarja imsemmija fic-Citazzjoni *de quo* u ma ghandu assolutament ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici relattivament ghal dan l-imsemmi debitu;

“2. Illi l-eccipjenti ma huwa bl-ebda mod responsabbli ghal ebda danni imsemmija mis-socjeta` attrici u mapprattika ebda qerq kif imsemmi minnha;

“3. Illi ghalhekk m’hemmx danni x’jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjenti u l-istess eccipjenti m’ghandux jigi konsegwentement kundannat li jhallas ebda ammont mitlub mis-socjeta` attrici;

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Jannar 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

"…tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u:

"1. tgħid illi l-faċilità bankarja ta' sitt elef lira (Lm6,000) mogħtija mis-soċjetà attriċi b'kitba tad-9 ta' Lulju 2001 inkisbet mill-konvenuti b'qerq u permezz ta' dokumenti foloz u stqarrijiet foloz magħmula minnhom lill-attriċi;

"2. tgħid illil-attriċi ġarrbet danni ta' sitt elef, sitt mija u sebgħa u ħamsin lira u disgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm6,657.59) – daqs ħmistax-il elf, ħames mija u tmien euro u ċenteżmu (€15,508.01) – flimkien ma' l-imgħax bit-tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*) mill-1 t'April 2004 sa meta jintraddu l-flus, minħabba l-qerq tal-konvenuti; u

"3. tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu lill-attriċi ħmistax-il elf, ħames mija u tmien euro u ċenteżmu (€15,508.01), flimkien ma' l-imgħax bit-tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*) mill-1 t'April 2004 sa meta jsir il-ħlas, u l-ispejjeż ġudizzjarji, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-21 ta' Novembru 2003 u tal-mandati kawtelatorji."

Dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Sabiex ikabbar in-negozju tiegħu l-bank attur ħoloq skema ta' self "awtomatizzat" li kien iħalli li talbiet għal self ta' somom relativament żgħar, sa ftit eluf ta' liri maltin, flok ikunu proċessati minn funzjonarju tal-bank kienu jiġu proċessati minn sistema informatiku: min jagħmel it-talba kien jagħti ċertu tagħrif, bħall-i*status* tiegħu ta' impjegat jew jaħdem għal rasu, id-dħul tiegħu fis-sena, u n-nefqa li ried jissellef għaliha, kollox imsaħħaħ b'riċevuti jew fatturi jew dokumenti oħra; dan it-tagħrif kien jiddaħħal fis-sistema informatiku u dan is-sistema kien japprova jew ma japprovax is-self skond algoritma matematiku. B'dan il-mod, it-tweġiba lill-klijent kienet tingħata aktar malajr, fi żmien siegħa l-klijent jieħu l-flus mislufa, mingħajr ma

jintalab jagħti garanzija reali jew personali, u bis-saħħa ta' hekk il-bank attur kien jiġbed aktar klijenti mill-kompetituri tiegħu u jkabbar il-"portafoll" tan-negozju tiegħu.

"Ġara li l-konvenut Williams kien introduċa ħafna klijenti lill-fergħa ta' Raħal Ġdid tal-bank attur biex dawn il-klijenti jieħdu self b'dan il-mod. Darba minnhom persuna li kienet ukoll introdotta mill-konvenut Williams biex saret klijenta tal-fergħa ta' Raħal Ġdid għamlet talba għal self f'fergħa oħra ta' l-istess bank. Meta l-*manager* tal-fergħa ta' Raħal Ġdid sar jaf b'dan, għax kien mgħarraf mill-fergħa l-oħra, ħaseb ħażin, tant illi iddeċieda li jivverifika hu stess, manwalment, l-inkartament mhux biss ta' dak il-każ iżda ta' kull self li kien sar lil min kien introduċih lill-bank il-konvenut Williams. Sab *pattern* li kompla ħassbu ħażin għax sab illi dawn il-klijenti kollha kienu qegħdin jissellfu biex jixtru l-istess ħwejjeġ – bħal *television sets* u kmamar tas-sodda – mingħand Williams stess, u deherlu li din ma kinitx ħaġa normali.

"Kompla jsir stħarriġ kemm mill-bank u kemm mill-pulizija, u nstab illi f'aktar minn għoxrin każ ta' self b'dan is-sistema awtomatizzat – kollha lil persuni li kien introduċihom il-konvenut Williams – kienet inħolqot *messa in scena*: dawn il-klijenti la kienu tassew impjegati u lanqas kienu jinqdew bis-self biex jixtru l-ħwejjeġ li kienu igħidu li jridu jixtru; id-dokumenti kollha kienu jkunu falzifikati u magħmula *ad hoc* biex iqarrqu bis-sistema.

"Li ġara kien li l-algoritma li kien jipproċessa t-talbiet għas-self ma kienx programmat biex jaqbad dawn l-irregolaritajiet, u malajr ġara li xi ħadd aktar makakk kien intebaħ b'din id-djufija tas-sistema u malajr ħoloq sistema biex jisfruttaha billi jressaq nies biex jisselfu mill-bank, jipprovdilhom id-dokumenti meħtieġa biex iqarrqu bis-sistema, u mbagħad jieħu sehem mill-flus. Wara li sarilhom rapport mill-bank, il-pulizija interrogaw lil dawn il-klijenti li ma kinux qegħdin iroddu s-self u dawn stqarru illi l-persuna li kienet tgħinhom fil-fatt kienet il-konvenut Alfred Williams.

“Għalkemm Williams ċaħad dan, u jammetti biss li kull ma għamel kien li lill-konvenuta Saliba taha fattura mhux bil-ħsieb li jbigħilha xi ħaġa iżda biex din tinqeda biha biex tieħu self mill-bank, il-fatti juru xort’oħra, illi Williams kien ħa sehem ferma aktar attiv, u ipprovda wkoll dokumenti oħra, biex jinkiseb is-self, u, fuq stqarrija tiegħu stess, kien jieħu sehem mill-flus mislufa.

“Williams kellu ħanut li kien ibigħ għamara u *white goods* fost ħwejjeġ oħra, u lil xi klijenti tiegħu – l-aktar li jkunu nies li jkollhom bżonn il-flus – kien igħidilhom li seta’ jgħinhom jiksbu self, jagħtihom dokumenti, fosthom formuli FS3 tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u fatturi għax-xiri ta’ għamara jew *white goods*, u jmur magħhom il-bank biex igħinhom jiksbu s-self. Meta l-klijent jieħu l-flus mill-bank, dawn il-flus ma kienx jinqeda bihom biex jixtri l-ħwejjeġ murija fuq il-fatturi iżda għal għanijiet oħra, wara li l-konvenut Williams jieħu s-sehem tiegħu.  Mix-xiehda ħareġ illi l-prassi kienet illi l-flus, li kienu jingħataw mill-bank dak il-ħin stess, kienu jinqasmu mill-ewwel fi tnejn, x’aktarx biex Williams jieħu sehmu mill-ewwel.  Imbagħad, naturalment, dawn il-klijenti ma kinux jifilhu jroddu s-self, u kienu jaqgħu lura fil-ħlasijiet.

“U hekk il-bank attur ħoloq il-verżjoni tiegħu ta’ dak li fit-terminoloġija tallum jissejjaħ *sub-prime crisis*: fi kliem ieħor, self lil min il-patrimonju tiegħu ma jagħtix garanzija tajba biżżejjed li s-self għad jintradd, u, forsi llum *col senno del poi* nistgħu ngħidu wkoll, self irresponsabbli li min ikollu jissallab biex iroddu għax ma jkunx jiflaħ għalih.

“Dan ġara wkoll fil-każ tal-konvenuta Saliba, flimkien ma’ aktar minn għoxrin persuna oħra.  Din kienet marret il-bank, flimkien mal-konvenut Williams, biex tissellef flus biex tixtri għamara u wriet FS3, li kien ipprovdiha Williams, li turi li kienet impjegata ma’ *Life Time Limited* – soċjetà li wara nstab li ma kinitx teżisti – bi dħul ta’ disat elef, seba’ mija u tmienja u erbgħin lira (Lm9,748) – daqs tnejn u għoxrin elf, seba’ mija u sitt euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€22,706.73) – fis-sena, u s-sistema approva s-self ta’ somma li nħadmet skond il-prezz tal-ħwejjeġ li l-konvenuta riedet tixtri u d-dħul tagħha fis-sena.  Bis-saħħa

ta’ hekk il-konvenuta kisbet self ta’ sitt elef lira (Lm6,000) – ftit anqas minn erbatax-il elf euro (€14,000) – li issa ma tistax troddu. L-impjegat tal-bank illi ipproċessa t-talba xehed ukoll illi l-flus, li ngħataw f’kontanti, x’aktarx ingħataw fiżikament f’idejn il-konvenut Williams maqsuma fi tnejn: sehem tqiegħed f’*envelope* u s-sehem l-ieħor f’*envelope* ieħor. Kompla jixhed illi din kienet il-prassi fil-każijiet ta’ klijenti li kien jintroduċihom il-konvenut Williams.

“Fil-fatt Saliba ma kellhiex impjieg, u d-dokument fiskali kien falzifikat. L-għamara li kellha tixtri ma xtrathiex, u parti mill-flus jidher li tathom lill-konvenut talli “għenha” tiskeb is-self. Il-qagħda finanzjarja tagħha issa hija illi ma għandhiex mnejn tħallas id-dejn li l-bank ikollu issa jqisu bħala *bad debt*, jew, fit-terminoloġija tallum, *toxic asset*. Il-*manager* tal-fergħa tal-bank attur mnejn il-konvenuta Saliba kisbet is-self xehed illi, li kieku l-bank kien jaf bil-qagħda finanzjarja tagħha flok kien imqarraq bid-dokumenti li ntwerewlu, naturalment ma kienx jagħti s-self. Għax tqarraq, il-bank ġarrab telf ta’ dik il-parti tad-dejn li ma ntradditx.

“Ma jistax ikun hemm kontestazzjoni serja li kien il-qerq pratikat mill-konvenuti, f’konfoffa flimkien, li wassal għat-telf li ġarrab il-bank attur, għax is-self ma kienx jingħata li kieku kienet magħrufa l-pożizzjoni finanzjarja tassew tal-konvenuta. Billi kien il-qerq tal-konvenuti flimkien li wassal għal dan it-telf, huma l-konvenuti li għandhom jagħmlu tajjeb, u, billi kienu t-tnejn *in mala fide*, ir-responsabbiltà tagħhom hija *in solidum*, kif igħidu u jridu l-artt. 1044 u 1049(1) tal-Kodiċi Ċivili. Ukoll, billi r-responsabbiltà hija *ex delicto*, l-eċċezzjoni tal-konvenut Williams li ma għandux relazzjoni mal-bank għax ma kienx hu li sellef ma għandhiex relevanza u hija miċħuda.

“Il-*quantum* tat-telf ma ġiex kontestat, u għandhom ukoll jitħallsu l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*) kif irid l-art. 1047(1).”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Alfred Williams li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab lil din il-Qorti joghgobha:

"…thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Jannar 2009 fl-ismijiet hawn fuq premessi, u filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut appellanti, tichad it-talbiet attrici u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat."

Rat ir-risposta tas-socjeta` Bank of Valletta plc (C2833) li in forza taghha ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

"…li l-appell ghandu jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant."

Rat ir-risposta tal-appelll tal-kuraturi deputati l-Avv. Mark. M. Busuttil u l-PL Victor Bugeja li biha ppremettew li ma kienux edotti mill-fatti u rrimettew ruhhom ghall-gudizzju ta' din il-Qorti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-appellant huma (a) l-apprezzament li sar mill-ewwel Qorti kien ibbazat fuq apprezzament ta' fatt li l-appellant jallega li kien zbaljat u jwassal ghall-ingustizzja gravi u wkoll dan mhux sorrett minn grad tal-prova rikjest mil-Ligi; (b) li l-ewwel Qorti ma dahlitx fil-kwistjoni jekk l-involviment tal-konvenut appellant kienx gravi bizzejjed biex l-elementi ta' frodi skont il-ligi gew sodisfatti; (c) il-Qorti naqset milli tqis in-negligenza kontributorja tal-Bank appellat.

Illi jirrizulta li l-appell huwa dwar apprezzament ta' provi li sar mill-ewwel Qorti u dwar dan il-prassi ta' din il-Qorti hija dik spjegata fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Adrian's Garden**

**Centre Co. Limited v. AX Construction Limited** (A.C. - 4 ta' Lulju 2008) fejn din il-Qorti rriteniet illi:-

*"Il-Qorti tal-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi".*

Illi dan kien ukoll ritenut fis-sentenza **Phyliss Ebejer et v. Joseph Aquilina** (A.C. – 10 ta' Jannar 1995 – Vol. LXXIX.i.248) fejn inghad li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti. Jinghad li tal-istess portata huma d-decizjonijiet **Ruth Spiteri v. Emmanuel Vella** (A.I.C. – 5 ta' Marzu 2003) u **Hilda Debrincrat v. Mario Farrugia** (A.I.C. (Ghawdex) – 14 ta' Lulju 2004); u **Joseph Grech Sant v. L-Avukat Dottor Riccardo Farrugia et nomine** (A.C. – 28 ta' Frar 1997); u **Hans Jocham Link et v. Raymond Mercieca** (A.I.C. – 12 ta' Jannar 2001).

Illi din il-Qorti ezaminat il-provi kollha processwali u thoss li l-evalwazzjoni tax-xhieda li ghamlet l-ewwel Qorti kienet korretta anke ghaliex dan huwa mhux biss ben spjegat fid-decizjoni moghtija, izda wkoll ghaliex jidher li l-appellant ma qalx li b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija mill-Magistrat Saviour Demicoli fit-22 ta' Ottubru 2007 (Dok. "SD 01"), wara ammissjoni tal-istess appellant, huwa nstab hati li *inter alia* b'qerq u ingann ghamel qliegh ghad-dannu ta' diversi persuni fosthom il-Bank appellat, u diversi persuni hemm indikati u ohrajn mhux indikati u wkoll li ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokumenti falsifikati konsistenti f'*invoices* ta' Rayaims Ltd u dan bi ksur tal-**Artikolu 189 tal-Kap. 9** u ta' akkuzi ohra fosthom li ffalsifika atti awtentici jew ta' bank privat etc, u dan bi ksur tal-**Artikolu 183 tal-Kap. 9** u ghamel uzu mill-istess att u dan bi ksur tal-**Artikolu 184 tal-Kap. 9.**

Isegwi li dak li qal l-appellanti dwar l-ewwel aggravju li ma gietx prodotta d-dokumentazzjoni relattiva ghall-investigazzjoni kriminali ma hijiex korretta ghaliex hemm sentenza bl-ammissjoni tieghu stess u din turi l-involviment konstanti u attiv tal-istess konvenut appellant tas-sehem tieghu sabiex il-Bank appellat jipprovdi self lil diversi persuni nkluza lil Josette Saliba.

L-involviment tal-istess appellant jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-*ex* Spettur Bernard Zarb (fol. 72 *et sequitur),* ta' John Falzon, Vincent Mifsud *branch managers*, u fost ohrajn ta' Antoine Suda *relationship officer* tal-Bank (xhieda 6 ta' Dicembru 2007), u ta' Maria Ceofa Pisani (xhieda 6 ta' Dicembru 2007) u Phyllisianne Scicluna (10 ta' Dicembru 2007), inkluz d-Dok. "PS 1" (fol. 185) u Dok. "PS 2" (fol. 186) u dawn kollha jikkonfermaw it-tezi attrici u fuq kollox l-operat tal-konvenut. Fuq kollox l-istess konvenut appellant jammetti li fix-xhieda tieghu quddiem l-ewwel Qorti (fol. 92) stqarr li huwa kien hareg *invoice* fuq Josette Saliba sabiex din turiha lill-Bank, sabiex hija tkun tista' tottjeni s-self li fil-fatt hadet, kif jirrizulta li hadu diversi persuni ohra, bl-ghajnuna tal-istess appellant, inkluz bil-falsifikazzjoni ta' dokumenti. F'dan is-sens din il-Qorti thoss li l-konsiderazzjonijiet kollha maghmula mill-ewwel Qorti fuq il-provi huma sostanzjati sew mill-provi kollha prodotti. B'hekk l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Dwar it-tieni aggravju jinghad li minn dak li gia` nghad f'din is-sentenza ma hemm lanqas ebda dubbju li l-involviment tal-konvenut appellant kien gravi bizzejjed sabiex jikkostitwixxi frodi u qerq fit-termini tal-Ligi, u ghaliex skont it-termini tal-**Artikolu 981 tal-Kap. 16** jirrizulta li kien hemm qerq prattikat mill-konvenut li sar permezz ta' (a) thaddim ta' mezzi u atti qarrieqa; (b) li kienu fihom infushom gravi; (c) b'mod li kienu determinanti ghan-negozju li sar, (**Frank Frendo et v. Joseph Vella et** – A.C. – 3 ta' Marzu 2011); **Bank of Valletta p.l.c v. Dalli Brothers Limited et** (P.A. (GC) – 18 ta' Mejju 2012); **George Portelli et v. Ivan John Felice** (P.A. (JRM) – 28 ta' Lulju 2004); u **Joseph Aquilina et v. Alfred Ellul** (P.A. (TM) – 20 ta' Marzu 2003);

Gie wkoll ippruvat li l-ingann kien ta’ natura li seta’ u fil-fatt ghamel impressjoni fuq bniedem sensat u kien tali li jeccedi l-limiti tal-furberija tollerata fin-negozju. Jidher li l-ewwel Qorti qieset kollox fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in ezami, inkluz l-kundizzjonijiet personali tal-partijiet involuti, u dawn fid-dawl tas-self ottenut, u jirrizulta prruvat li l-konvenut appellant agixxa b’*dolo* u qerq fil-konfront tal-Bank appellat, u l-involviment tieghu u d-dokumenti minnu provduti kienu determinanti sabiex il-Bank f’dan il-kaz ta s-self lill-Josette Saliba (ara **Alice Cassar Torregiani v. A. R. Manche** (A.K. – 17 ta’ Marzu 1958 – Vol. XLII.i.126). B’hekk anke dan it-tieni aggravju qed jigi michud.

Jigi issa ezaminat l-ahhar aggravju fejn l-appellant qed jghid li kien hemm negligenza kontributorja tal-Bank. Jirrizulta, izda, li kien il-konvenut unikament responsabbli b’ghemilu sabiex tigi mminata s-sistema kompjuterizzata li biha l-bank kien jaccerta ruhu li persuna kienet intitolata ghas-self indikat. Fil-fatt il-bank, in vista tad-dokumenti lilu forniti u tal-komportament tal-konvenut ma jistax jigi kkunsidrat bhala li kien negligenti u li kkontribwixxa ghal tali dannu lilu kkawzat b’tali qerq u falsifikazzjoni ta’ dokumenti provduti mill-appellanti.

Dan qed jinghad anke fil-kuntest ta’ dak riportat minn **Laurent** fil-**Principi Di Diritto Civili** (Vol. XX. pagna 370 *et sequitur;* para. 478 *et sequitur)* fis-sens li:-

*“…Colui che da false informazioni, o fa una raccomandazione contraria al vero e responsabile del pregudizio che ne deriva? L’affermazione e certa…*

*“Un proprietario presta ad un industriante la somma di 40,000 franchi: il mutuario fallisce dopo sette anni. Questo prestito era stato fatto a premura del fratello del mutuario che aveva tutta la fiducia del mutuante del quale era consigliere. Il mutuante ignorava il nome stesso e la condizion del mutuario, mentre che il fratello conosceva che il mutuario non riceveva piu credito presso i banchieri: il mutuo ritardo` il fallimento, ma non lo poteva impedire. Era stata la raccomandazione del fratello che aveva fatto*

*consentire il mutuo, e per conseguenza la raccomandazione era la causa della perdita sofferta dal mutuante. Vi era quasi-delitto e risponsabilita."*

Ghalhekk dan l-aggravju wkoll qed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qed tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellanti Alfred Williams u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata.

Bl-ispejjez kontra l-appellanti Alfred Williams.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------